SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 03/KA2/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 24/09/14** **44**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 24/09/14** **54**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 24 ta' Settembru 2014

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa
Il-Membru Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: 0

1.05 Assenti: 0

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-18 ta' Settembru 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 02/KA2/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Iċ-Ċermen issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P330 | Email mingħand il-Viċi-Ċermen rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa t'Awwissu 2014. |
| P353, P352 & P382 | Talba għal *stand* ta' l-ikel fi Triq id-Dragunara. |
| P355 | Talba għall-permess għal tqegħid ta' *barbeque.* |
| P388 | Talba mingħand ir-ristrant l-Ambasciata Veneziana sabiex jitresqu tabelli fi Triq Wilġa k/m Triq il-Knisja |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P330

2.02 B'riferenza għall-email mingħand il-Viċi-Ċermen is-Sur Michael La Rosa ġie deċiż unanimament li għal-laqgħa tal-5 ta' Awwissu 2014, Minuti 02/KA2/14, jiġi ddikjarat bħala skużat u mhux assenti. Dan minħabba li l-assenża tiegħu kienet iġustifikata.

Rif. Nru. P353, P352

2.03 B'riferenza għat-talba għal *stand* ta' l-ikel fi Triq Dragunara, ħdejn l-iSky Club, għal xi ġranet matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv Paceville ma jsibx oġġezzjoni li jinħarġu l-permessi skont il-Leġiżlatura Sussidjarja 441.04 dment li l-applikant ikollu l-permessi kollha meħtieġa nkluż tal-Pulizija u s-Sanita', u li l-area fejn tintrama l-posta titħalla nadifa wara l-attivita'.

2.04 F'każ li l-Kumitat jivverifika li l-post ma nżammx nadif, ma jibqax jinħareġ il-permess.

Rif. Nru. P382

2.05 B'riferenza għat-talba ta' *stand* ġie deċiż unanimament li din it-talba ma tiġix aċċetta peress li l-applikant li kien jaf il-proċedura; ma żammx magħha.

2.06 Is-Sindku wasal fis-2.15 p.m.

Rif. Nru. P 355

2.07 B'riferenza għat-talba tas-Sur Joe Pace biex jitqiegħed *barbeque* barra il-Crow's Nest Pub, fi Triq Spinola, ġie deċiż unanimament li s-Sur Pace jiġi nfurmat li minn informazzjoni li ta lis-Sindku l-attivita' ser issir fil-propjeta' privata tiegħu, għalhekk l-Kumitat Amministrattiv Paceville ma jidħolx fiha.

Rif. Nru. P 388

2.08 B'riferenza għall-korrispondenza b'konnessjoni mar-restaurant Ambasciata Veneziana li jinstab fi Triq Wilġa k/m Triq il-Knisja b'talba biex jitresqu żewġ tabelli tat-traffiku ġie deċiż unanimament li:-

a) Il-MEPA,Transport Malta u d-Dipartiment ta' l-Artijiet jiġu nfurmati li saret struttura fuq bankina pubblika bil-materjal

mhux approvat mill-Kumitat Amministrattiv Paceville jew mill-Kunsill Lokali San Ġiljan. Dan sabiex tittieħed kull azzjoni neċessarja.

b) Is-Sur Mifsud jiġi nfurmat biex jirreferi t-talba li għamel, sabiex jitresqu ż-żewġ tabelli tat-traffiku fi Triq Wilga k/m Triq il-Knisja, lill-Transport Malta peress li hi l-Awtorita' regolatorja. Il-Kumitat jibgħat kopja ta' din l-ittra lit-Transport Malta.

**3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li ġie avviċinat mis-Sur Peter Darmanin biex fi Triq San Ġużepp jitpoġġa *flood light* sabiex jiġi mdawwal it-taraġ. Ġie deċiż unanimament li ċ-Ċermen jiltaqa' mas-Sur Darmanin u wara jinforma lill-Kumitat bl-eżitu tal-laqgħa.

3.02 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Aġent Kummissarju s-Sur Ray Zammit biex il-Kumitat Amministrativ Paceville u l-Kunsill għan-nom tar-residenti jirringrazjaw lis-Supt. Simon Galea u l-istaff tal-Għassa ta' San Ġiljan għall-ħidma tagħhom waqt il-qagħdi ta' dmirijiethom, u l-Kumitat Amministrattiv Paceville u l-Kunsill jiddeploraw il-każ fejn riċentament ġie aggredit is-Surġent.

**4 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

4.04 Din il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn il-Membru Joe Oliva astjena filwaqt li l-Membri l-oħra qablu mal-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

**5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li ma tressqux 'Purchase Request Sheets ġodda minħabba li l-kuntrattur tal-manutenzjoni tas-sinjali u marki tat-toroq għad għandu xogħlijiet pendenti.

5.02 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Tlieta 28 t'Ottubru 2014 fis-2.00p.m.

5.03 Il-laqgħa ntemmet fit-3.05p.m.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |